32006D0906

L 346/26 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA’ L-UNJONI EWROPEA 9.12.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-30 ta’ Novembru 2006

## li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem il-Komunità fil-Kumitat għall-Għajnuna Alimentari fir-rigward ta' l-estensjoni tal-Konvenzjoni għall-Għajnuna għall-Ikel 1999

(2006/906/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 181 flimkien ma' l-Artikolu 300(2), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni għall-Għajnuna Alimentari 1999 (minn hawn 'il quddiem: il-"Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Komunità bid-Deċiżjoni 2000/421/KE[1] u estiża bid-deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Għajnuna Alimentari f'Ġunju 2002, f'Ġunju 2003 u f'Ġunju 2005, sabiex tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2007.

(2) Estensjoni ulterjuri ta' sena tal-Konvenzjoni hija fl-interess kemm tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha. Skond l-Artikolu XXV(b) tal-Konvenzjoni, dik l-estensjoni hija soġġetta għaż-żamma fis-seħħ, għall-istess perijodu, tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali 1995. Il-Kummissjoni, li tirrappreżenta l-Komunità fil-Kumitat għall-Għajnuna Alimentari, għandha għalhekk tkun awtorizzata b'Deċiżjoni tal-Kunsill biex tivvota favur tali estensjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

---

1 ĠU L 163, 4.7.2000, p. 37.

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni tal-Komunità Ewropea fi ħdan il-Kumitat għall-Għajnuna Alimentari għandha tkun li tivvota favur l-estensjoni tal-Konvenzjoni għall-Għajnuna Alimentari 1999 għal perijodu ulterjuri ta' sena, bil-kundizzjoni li l-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ fiċ-Ċereali tibqa' fis-seħħ għall-istess perijodu.

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tesprimi din il-pożizzjoni fil-Kumitat għall-Għajnuna Alimentari.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**L. HYSSALA**